**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

Seduta tat-Tlieta, 27 ta' Novembru 2018

Rikors Ġuramentat Numru:- 78/2018JVC

**JOANNE AGIUS** KEMM F'ISIMHA PROPRJU KIF UKOLL GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TAL-MINURI BENJAMIN WOJAK

VS

**DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn l-attrici kkonfermat bil-gurament:

1. Illi r-rikorrenti Joanne Agius u Piotr Pawel Wojak kellhom relazzjoni flimkien, minn liema relazzjoni twieled il-minuri Benjamin Wojak nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li llum ghandu tliet (3) snin, hekk kif jidher mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 214 tas-sena 2014, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi mat-twelid tieghu, l-iben minuri gie registrat bil-kunjom tal-missier u cioe' 'Wojak';

3. Illi r-relazzjoni bejn il-genituri ta' l-istess minuri spiccat u nfatti l-genituri tal-minuri Benjamin Wojak dehru fuq kuntratt ta' kura

u kustodja versu l-istess minuri fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tal-ghaxra (10) ta' Marzu, tas-sena elfejn u sbatax (2017) u li permezz tieghu, l-istess genituri tal-minuri rregolaw irwiehom fil-konfront ta' xulxin fir-rigward tal-access u l-manteniment relattiv, kopja ta' liema kuntratt qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

4. Illi permezz ta' l-imsemmi kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi, il-kura u kustodja tal-minuri giet afdata esklussivament f'idejn l-esponenti;

5. Illi l-esponenti tissottometti li hija dejjem irreferiet ghal binha bhala 'Benjamin Wojak Agius' u dan kif jidher minn numru ta' dokumenti ufficcjali fosthom anke applikazzjonijiet ta' l-iskola hekk kif jidher mid-Dok. C, hawn anness, kif ukoll mic-certifikat mediku hawn anness bhala Dok. D;

6. Illi barra minn hekk, missier il-minuri Piotr Pawel Wojak ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kunjom tal-omm u cioe' 'Agius' jigi mizjud ma' kunjomu u b'hekk il-minuri jkun ufficcjalment maghruf bhala 'Benjamin Wojak Agius'. Infatti flimkien ma' dan ir-rikors guramentat l-esponenti qeghdha tannetti dikjarazzjoni guramentata tal-missier Piotr Pawel Wojak, immarkata bhala Dok. E;

7. Illi l-esponenti tixtieq illi hija zzid kunjomha u cioe' 'Agius' flimkien ma' kunjom missier il-minuri u cioe' 'Wojak' biex eventwalment ikun jaqra 'Benjamin Wojak Agius';

8. Illi l-minuri ghandu biss tliet (3) snin u f'kaz li jintlaqghu t-talbiet kif dedotti l-ebda pregudizzju ma se jkun ikkawzat lil terzi;

9. Illi din il-procedura qeghdha ssir ai termini tal-artikoli 253 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid ta' Benjamin Wojak li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 214 tas-sena 2014, billi fil-kolonna ntestata *Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,* jizdied il-kunjom 'Agius' sabiex b'hekk isem it-tarbija ghandu jidher bhala 'Benjamin Wojak Agius';

2. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Benjamin James, u dan skont l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa minn issa ngunt biex jidher in subbizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn ikkonferma:

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' l-anqas hmistax-il gurnata qabel is-smiegh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici u fi kwalunkwe kaz jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa certament m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat in-noti tal-partijiet sottomessi fl-atti fuq ordni ta' din il-Qorti;

Rat illi fl-ahhar verbal datat 16 ta' Novembru 2018, ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat il-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti Joanne Agius permezz tal-kawza odjerna qeghdha titlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 214/2014 ta' binha minuri Benjamin Wojak li ghandu eta' ta' tliet (3) snin. Hi qed titlob li fil-kolonna ntestata '*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*', wara l-kliem Benjamin Wojak (fejn effettivament Wojak huwa l-kunjom u mhux l-isem) ghandu jizdied ukoll il-kunjom taghha u cioe' Agius, biex b'hekk il-minuri jigi msejjah bl-isem ta' Benjamin u bil-kunjom Wojak Agius. Fir-risposta tieghu d-Direttur intimat ghalkemm iqajjem eccezzjoni preliminari procedurali, fil-mertu ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat illi l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi saret u prova ta' dan giet esebita fl-atti (fol. 20 u 21) b'dana li l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat giet sorvolata;

Rat illi fl-atti gie esebit il-kuntratt datat 10 ta' Marzu 2017 bejn r-rikorrenti Joanne Agius u Piotr Pawel Wojak (missier il-minuri) fejn gie miftiehem li l-kura u l-kustodja tal-minuri Benjamin Wojak kellha tigi fdata unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Joanne Agius;

Rat ukoll illi fl-atti giet prezentata dikjarazzjoni guramentata ta' Piotr Pawel Wojak, missier il-minuri Benjamin Wojak, fejn da parti tieghu ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti (fol. 14);

Illi din il-kawza qeghdha ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi nsostenn tat-talbiet taghha r-rikorrenti resqet ukoll kopja ta' learning objectives assessment report, kif ukoll certifikat mediku rrilaxxat minn Dr Patrick Sciberras MD MMCFD, li fihom l-isem indikat tal-minuri huwa dak ta' Benjamin Wojak Agius.

Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermettu, taht certi cirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna. Bil-kuntrarju l-korrezzjoni ta' kunjom jirrizulta li legalment huwa aktar imprekattiv u jista' jsir biss jekk jirrizulta li kien hemm zball f'dak il-kunjom kif registrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin (kif anki jirrizulta mill-gurisprudenza kkwotata mill-partijiet fin-noti taghhom) fid-decizjonijiet taghhom dejjem zammew rigidi fil-kaz ta' korrezzjoni fil-kunjom. Fis-sentenza fl-ismijiet **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Marzu 1994 gie ritenut kif isegwi:

> "… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin;
>
> Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet

it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato*".

Minn analizi ta' din id-decizjoni jista' jigi argumentat li l-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fi proceduri bhal dawk odjerni huwa li jipprotegi l-interess ta' terzi jew ahjar l-interess pubbliku. Isegwi li meta jkun evidenti li dan l-interess ma jkunx qed jigi lez, allura ghandu jitqies li m'ghandux ikun hemm diffikulta' li ndividwu jitlob korrezzjoni f'kunjomu dejjem izda suggett li jkun hemm raguni valida li tipprevali u tiggustifika tali korrezzjoni u mhux b'semplici kapricc. Huwa minn dan il-lat li l-Qorti odjerna tifhem ir-raguni tal-intimat fil-kaz odjern fejn ghall-kuntrarju ta' kazijiet ohra, ma oggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti.

Illi fil-fatt jirrizulta li filwaqt li l-attur fil-kawza hawn fuq ikkwotata kien maggorenni u kellu certa eta w'ghalhekk din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni li kellha dik il-Qorti li jinbidel kunjom l-istess attur (filwaqt li accertat ruhha li annotament fic-certifikat ma kienx ser jippregudika terzi), fil-kaz odjern qed jintalab li jigi mizjud kunjom l-omm wara dak tal-missier fil-kaz ta' minuri ta' tliet (3) snin. Din il-Qorti fil-kaz odjern ma ghandha l-ebda dubju li z-zieda ta' kunjom l-omm u cioe' Agius wara l-kliem Benjamin Wojak ma hu ser jilledi l-ebda terza persuna jew ahjar l-interess pubbliku. Fil-fatt jirrizulta li fil-kaz tal-minuri odjern:

1. sal-lum il-gurnata huwa ghandu kunjom kompletament differenti minn dak ta' ommu;
2. qed jghix esklussivament ma' ommu, li hija kunjomha Agius;
3. li f'dan il-kaz l-omm ghandha l-kura u l-kustodja esklussiva tieghu.

Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jkollu wkoll kunjom li facilment jidentifikah ma' ommu li maghha qed jghix u

jitrabba b'mod esklussiv w'ghalhekk f'dan is-sens tqis li t-talba tar-rikorrenti hija gjustifikata.

Illi kkunsidrat ukoll li stante l-eta tenera tal-minuri l-ebda terza ma hi ser tigi leza jew pregudikata b'dan it-tibdil, kif ukoll stante l-fatt li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma sabx oggezzjoni ghat-talba ta' korrezzjoni u rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibaghti l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat bhala sorvolata, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid ta' Benjamin Wojak li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 214 tas-sena 2014, billi fil-kolonna ntestata *Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*, ghandu jizdied il-kunjom 'Agius' sabiex b'hekk isem it-tarbija ghandu jidher bhala Benjamin Wojak Agius;

2. Konsegwentament tilqa' t-tieni talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili iehor mahrug fuq l-istess Benjamin Wojak Agius, u dan skont l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mill-rikorrenti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur